

# Il-Logħob tan-Nar

Kitba ta' Vince Grech

**Il-logħob tan-nar jiswa ħafna flus u ma jdumx aktarminn bewsa ta' maħbub lill-maħbuba tiegħu, għalhekk għandu jintuża f'okkażjonijiet speċjali. – Vannocio Biringuccio (kittieb Taljan fil-ħmistax-il seklu minn Siena).**

*'Jiena aktar naqbel mal-Maltin. Dawn jużaw il-logħob tan-nar għal kull skuża. Użu tiegħu għandu jkun kostanti. Wara kollox biex niddobba ftit mill-antoloġija tal-Bewsa, mill-esperjenza tiegħi, wieħed malajr jinsa kif kienet u għalhekk trid tipprova u terġa' tipprova, kważi waħda wara l-oħra!'* – George Plimton (kittieb Amerikan u dilettant kbir tan-nar).

Il-bniedem sa mill-ħolqien tiegħu kien jissaħħar għan-nar. Hekk insibu diversi referenzi fil-Bibbja fejn in-nar huwa msemmi għalkemm mhux dejjem biex jagħti pjaċir lill-bniedem. Insibu is-sejf tan-nar fit-tkeċċija mill-ġnien ta' l-Eden, il-kolonna tan-nar fil-ħarba tal-Lhud mill-Eġittu u l-karru tan-nar



*Tpinġija tal-patri tal-porvli, Berthold Schvvartz*

li ħa lill-Profeta Elija fis-sema. Innar kien jintuża wkoll biex jinħarqu s-sagrifiċċji u għandi naħseb li apparti li kien jintuża bħal speċi ta' talba kien ukoll ikollu ċertu faxxinu. Il-materjal li kien jinħaraq kien ikun jew ħaxix jew injam. Wara nstab il-faħam, li hu prodott ieħor ta' l-injam u żejt. Iżda ma kienx qabel mal-bniedem skopra ċertu minerali li meta tħallathom jagħmlu ċertu reazzjoni huma u jinħarqu li nistgħu ngħidu li beda l-logħob bin-nar u wara ġiet l-arti tal-piroteknika.

Skond Alan St. Hill Brock, awtur ta' ktieb fuq l-istorja tal-logħob tan-nar u hu stess huwa membru ta' familja Ingliża ta' pirotekniċi; l-ingredjenti bażiċi li jidħlu fil-logħob tan-nar instabu minn kok Ċiniż. Forsi għażel li jgħid kok għax l-ingredjenti bażiċi kollha biex tagħmel il-porvli jinsabu fi kċina. Hekk għandek *in-nitrat tal-putassa* li jista' jissostitwixxi lill-melħ komuni, *kupru* li jista' jintuża biex tqabbad u *faħam* sintendi mill-injam maħruq fil-kċina. Il-kok induna li meta tqabbad din it-taħlita jkollok fjamma ħafna akbar milli kieku tqabbad ftit zkuk. Aktar minn hekk dan il-kok kien skopra li meta tpoġġi din it-taħlita ġo biċċa qasba tal-bambu u ssodd it-truf ikollok splużjoni aktar milli nar. Hekk issa kellna xi ħaġa li tagħmel ħoss tajjeb biex twerwer l-ispirti, tiċċelebra fit-tiġijiet, wara rebħ ta' xi battalja, il-bidu tas-sena l-ġdida eċċ... Dan huwa il-porvli.

Forsi ċ-Ċiniżi ma skoprewx kif tista' tuża dan il-porvli biex titfa' xi oġġett minn ġo kanna. Dan skond l-istess Brock, skoprieh il-Patri Ġermaniż Berthold Schvvartz f'Freiburg im Breisgau fil-Ġermanja fit-tlettax-il seklu. Dan il-patri huwa magħruf ukoll bħala *Berthold l-iswed* jew *il-patri tal-porvli*. Hawn min jgħid imma li dan il-patri qatt ma eżista u skond il-Professur tal-Kimika Ingliż J. R. Partington jgħid illi dan ġie ivvintat minn xi ħadd li ried jassoċċja l-porvli u l-kanun mal-Ġermanja. Skond Partington iċ-Ċiniżi użaw il-porvli fil-kanuni lejn l-aħħar ta' dinastija Mongol Yuam (a.d. 1206-1368) speċifikament fl-assedju ta' belt Kai-feng Fu li kienet il-kapitali ta' Honan.



*Ritratt ta' impjegat Frančiż f'kamra tan-nar jidher qed jikkarga x-xema Rumana fl-1906*

Hawnhekk insibu deskrizzjoni taċ-Ċiniżi li bdew jiddefendu l-belt bi "vleġeġ ta' nar itiru."

Insomma ħadd ma jaf eżatt, li nafu żgur hu li dan il-porvli ntuża biex bekka u ta gost lil miljuni. Aħna se naraw l-aspett tal-gost tiegħu għalkemm anke ġieli ġab id-dieqa hawnhekk ukoll. Aħna f'Ħal Qormi, sfortunatament għaddejna minn din id-dieqa kemm-il darba, però żgur li ma nistgħux ngħidu li ma gawdejniex wkoll waqt wirjiet pirotekniċi mill-aqwa. Wieħed mill-ewwel vitmi li ħalla dan il-logħob kien ukoll Ċiniż. Hemm leġġenda li tgħid kif ċertu Wan-hu ivvinta "rocket" li kien jikkonsisti f'żewġ tajriet u tnejn u erbgħin "rocket" u siġġu fejn seta' joqgħod bilqiegħda. Ta in-nar lit-42 "rocket" f'daqqa u tistgħu taħsbu kif Wan-hu sparixxa bit-tajr u s-siġġu b'kollox.

Biż-żmien il-porvli beda jintuża fil-militar u hekk insibu li xi kanuni ntużaw fil-battalja ta' Crecy fl-1346. Għall-ħabta tas-seklu ħmistax l-armati bdew ikollhom l-ispeċjalista tal-porvli. Dan kien ikun bniedem li jħallat il-porvli fuq il-post għax bit-traġit fuq id-dahar tal-bhejjem in-nitrat tal-putassa, peress li hu l-itqal mit-tliet ingredjenti, kien jaqa' fil-qiegħ tal-kartell u jissepara. Għalhekk it-taħlit kien isir fuq il-post tal-battalja, li żgur mhux l-aħjar post għal dan il-għan. Ħadd ma kien jieħu gost jagħmilha ma' dan l-ispeċjalist tal-porvli li ħafna drabi kien ikun persuna pajżan (mhux militari). Il-Franċiżi semmew lil dawn "Artisti" (hekk kienu jsejħulhom, forsi biex iwaqqgħuhom għaċ-ċajt) sat-tmintax-il seklu.

Dawn l-artisti bħal ma għidna kienu aborritti u kulħadd kien jevithom. L-uniku żmien li kien ikun għal qalbhom kien ikun meta ssir xi vittorja u għalhekk kienet l-użanza li jsir il-logħob tan-nar u allura kienu jiġu mfittxija minn kulħadd!! Karlu V, mexxej ta' l-Imperu Ruman Kristjan sa mill-1532 kien jimpjega ħaddiema tal-logħob tan-nar fl-armata tiegħu. Xogħolhom kien ikun li jagħmlu spettaklu ta' logħob tan-nar f'xi rebħa. Pietru il-Kbir tar-Russja kien ukoll dillettant tal-logħob tan-nar u jgħidu li fassal l-ispettaklu tal-logħob

tan-nar biex jiċċelebraw l-armistizzju wara wieħed u għoxrin sena gwerra ma' Karlu XII ta' l-Isvezja. Dan il-Kżar kien jieħu sehem fil-ħruq proprju. Lura fi Franza nsibu lil Lwiġi XIV jassisti għal spetaklu tan-nar imħejji mill-magħruf Taljan Vigarini, fejn huwa ġie inspirat biex jibni l-famuż palazz ta' Versailles, ġawhra ta' l-arti li tħalliet lilna forsi minħabba dik is-sbuħija li ra fl-ajru permezz ta' dawk is-sriep u kuluri tal-logħob tan-nar.



*Murtali maħżunin fil-maħżen tal-Kamra tan-Nar San Sebastjan, Qormi*



*Murtali stivati fl-imħażen ta' Gruċċi f'Bellpart New York*

Vigarini, huwa kunjom Taljan, li bħala ħafna kunjomijiet konnessi ma' dan il-logħob huma Taljani. Hekk insibu fi Franza lil Ruggieri, fl-Amerka kmamar tan-nar bl-ismijiet ta' Gruccis, Zambellis, Rozzis u oħrajn. F'Malta nistgħu nsemmu lil Gaffarelli flimkien ma' Nazeo Potenzione, Prof. Alfio Samperiu Carlo Famosa li skond għejjun Ġorġjani, kienu minn ta' l-ewwel li ressqu il-logħob tan-nar kif nafuh illum lejn Malta. Bejn is-sittax u t-tmintax-il seklu kien hemm żewġ skejjel ta' logħob tan-nar. Dawk Taljani u dawk Ġermaniżi. L-ispettaklu Taljan kien ikun differenti minn tal-lum. Huma kienu jibnu dik li kienu jsejħu "il-magna" jew "it-tempju". Kienet tkun struttura artistika bħal biċċa bini mżejna b'pittura ta' figuri alegoriki, fjuri u lampi maqtugħin b'tali mod li kienu jiddu minn wara. Kien ikun hemm ukoll funtani u statwi ta' annimali. Forsi stil Roccoco u romantiku. Żgur li kienet tkun ta' gost li tispezzjona din il-"magna" qabel ma tinxtegħel in-niċċa. Din l-elaborazzjoni kollha fuq il-magna dak iż-żmien kienet issir għax bħala varjetà



*Nar ta' l-art biex jikkommemora t-tmenin sena tar-Reġina Vittorja*

fil-materjal tan-nar kienet ftit ħafna, forsi xi ftit antimonju, frak tal-ħadid u xi varjetà ta' żingu kien ikun hemm mat-taħlita bażika u għalhekk ftit jew xejn kien hemm kuluri varji. Il-Ġermaniżi aktar kienu jenfasizzaw fuq in-nar. Huma kienu jaħarqu in-nar minn fuq armar apposta mwaqqaf għall-okkażjoni, ngħidu aħna għal xi tieġ kienu jagħmlu figura ta' Kupidu kbir tal-karti li meta kien jinfetaħ kienu jibdew ħerġin il-murtali u logħob ieħor tan-nar. Dawn l-ispettakli kienu jkunu grandjużi l-aktar f'xi koronazzjoni ta' xi Re. Insibu lil ċertu Martin Beckman, Svediż, li ħareġ minn din l-iskola Ġermaniża li ddisinja spettakli grandjużi għar-Rejiet Ġakbu II u Karlu II ta' l-Ingilterra. Dawn iż-żewġ spettakli saru fuq ix-xmara Thames.

Dawn l-ispettakli baqgħu jsiru matul iż-żmien u kien hemm mumenti fejn ġew imfaħħra minn kittieba famużi. Hekk insibu lil Charles Lamb jikteb lil William Wordsworth fejn jiddeskrivilu li l-murtali u l-istilel kienu bħal stilel ta' veru qed jiġu maħluqa, iduru fl-ispazju, bħal stalluni, sakemm jirranġawhom il-kalkulazzjonijiet ta' Newton – dak li jitla' jrid jinżel!!

Noqorbu aktar lejn iż-żminijiet tagħna fejn insibu li l-ispetakli tan-Nar bdew jintużaw għall-okkażjonijiet li jvarjaw minn tiġijiet, inkoronazzjonijiet, bidu ta' legislatura ta' presidenti, bidu ta' sena ġdida, karnivali, futbol, logħob Olimpiku, festi tal-birra u speċjalment fil-każ tagħna l-Maltin, festi reliġjużi li nagħmlu f'ġieħ il-qaddis padrun tal-belt jew raħal tagħna. Isiru wkoll kompetizzjonijiet bejn kmamar tan-nar minn pajjiżi differenti. Dawn isiru f'Monte Carlo. Fl-1980 il-kamra tan-nar ta' San Mikiel ta' Ħal Lija kienet ġiet l-ewwel f'din il-kompetizzjoni.

L-ispettakli fil-festi Maltin jixbhu ħafna lil dawk Taljani. Aħna, li ninsabu fil-Mediterran inħobbu l-istorbju. Kull murtal jispiċċa wara qasma, tnejn jew tlieta bi tfaqqieħa ta' l-aħħar. Kien hawn min qal li peress li aħna l-Maltin kellna ħafna gwerrer, irridu li nibqgħu nisimgħu l-istess ħsejjes u għalhekk dawk il-bombardamenti kollha. Però, apparti dan in-nuqqas, ħadd ma jista' jinnega li anke f'dawk li huma spetakli ta' kuluri, il-piroteknku Malti laħaq livell jekk mhux ta' l-ewwel, iżda żgur li qiegħed fil-*Premier League*! Barranin intiżi f'dan ix-xogħol faħru anke l-livell għoli li jeżisti fix-xogħol tal-logħob tan-nar ta' l-art jew kif nafuh ġiġġifogu (mit-Taljan "gioco di fuoco"). Murtali tal-kulur, blalen, sfejjer, beraq, ħsejjes u varjetajiet oħra ta' logħob tan-nar ta' l-ajru laħqu livelli professjonali wkoll. Ċertu qsim li qabel konna biss nassoċjawh mal-Ġappuniżi (l-artisti ta' l-Orjent tan-nar) qegħdin narawh hawnhekk ukoll. B'dan ma rridx ngħid li kollox huwa tajjeb. Forsi ħaġa li nistgħu ntejbu hija l-mod ta' kif issir il-ħarqa. Triq tingħata aktar anfażi fuq l-ispettaklu aktar milli murtali individwali. Fejn issir ħarqa f'daqqa ta' kwantità ta' qsim li mhux bilfors ikun kbir, ikun aktar spettakolari u forsi irħas. F'xi lokalitajiet f'dawn l-aħħar żmien anke bdew jippruvaw jissinkronizzaw il-logħob tan-nar bil-mużika. Din mhix faċli, għax biex in-nar jidgawda, l-ispettatur irid ikun 'il bogħod ċertu distanza. Il-ħoss tal-mużika flimkien mal-ħoss tal-murtal jasal f'widnejn l-ispettatur żgur wara li l-għajn tkun irċeviet id-dawl ta' l-istilel u għalhekk xi ftit mill-effett mixtieq jintilef. Madankollu,



*Ħaddiema tan-nar Ġermaniżi jippreparaw biċċa nar ta' l-art kbira fl-1890*



*Logħob tan-nar ta' l-ajru fil-Port il-Kbir fl-okkażjoni tal-miġja tad-Duka u d-Dukessa ta' York f'Marzu ta' l-1901*

jekk il-mużika tkun taqbel ma' ritmu ta' x'qiegħed jinħaraq tista' tpaxxi wkoll. Qed jiġi f'moħħi bħalissa l-ħarqa li saret fil-Port il-Kbir biex tfakkar il-50 sena mit-tmiem tal-Gwerra. Hemm kellek biċċiet ta' mużika ta' Wagner hekk kif kienu qed jinħarqu l-beraq li kienu qed jisinjifikaw il-bombardamenti mill-ajru. Hekk iġiblek quddiem għajnejk il-qilla tal-gwerra. Wara biex jissimbolizzaw ir-rebħa kien hemm biċċa arja vittorjuża ta' Verdi u bdew jinħarqu il-blalen u qsim tal-kulur. Fl-aħħarnett jekk minix sejjer żball kien hemm xi valtz minn ta' l-aħwa Strauz bħala preludju għal "Gran Finali" fejn inħarqu ħafna "xokkijiet" f'daqqa.

L-aktar qies li jintuża fil-murtali huwa tat-tliet pulzieri kemm hawn Malta u anke barra. Hekk ngħidu aħna dan il-qies jintuża f'dawn ix-xokkijiet, fil-kaxxex infernali tal-kulur u tal-ħoss. Murtali bi tliet qasmiet l-aktar li jinħadmu huma tas-sitt pulzieri imma 7 u 8 pulzieri saru komuni ħafna wkoll. L-akbar murtal li qatt inħadem u li qiegħed imniżżel fil-"Guinness Book of World Records" huwa ta' tnejn u erbgħin pulzier u nofs u kien issemma r-"raġel oħxon 2", maħdum minn N. Y. Pyrothecnics Products ta' Florida fl-Istati Uniti. Dan il-murtali kien jiżen 720 libra. Imma l-isbaħ huwa dak imsejjaħ



*Nar ta' l-ajru fil-Festa ta' San Sebastjan.*

Bukket ta' Krizantenjum maħdum mid-ditta Ġappuniża ta' Marutamaya Ogatsu. Dan kien ftit anqas minn erbgħin pulzier diametru, u jiżen 564 libra. Iċ-ċilindru li ġie sparat minnu kien twil tlettax-il pied u jużen 3 tunellati. Ħu stmat li l-qasma kellha diametru ta' 2000 pied. Għalkemm dak Amerikan huwa akbar, ta' min isemmi li l-istilel li kien hemm ġo fih kienu naqsu li jaqbdu kważi kollha u għalhekk is-suċċess aktar għandu jkun atribwit lil Ġappuniżi. Aħna hawnhekk f'Ħal Qormi San Bastjan kellna xi provi ta' murtali kbar u infatti s-sena l-oħra f'dan il-ktejjeb deher ritratt tal-mibkija Baldass u l-Jimmy (it-tnejn pijunieri tal-piroteknika f'din il-parroċċa) qed iżommu murtalett ta' tnax-il qasma. Mhux qed insemmi l-kobor biex inħeġġeġ lil sħabna dilettanti tan-nar biex inkabbru l-miżura tax-xogħol tagħhom iżda għall-istorja.

Dan kien ftit tagħrif fuq il-piroteknika. Żgur li m'huwiex eżawrenti. Il-faxxinu tan-nar se jibqa' magħna. J'Alla nibqgħu ngawduh u noqogħdu b'seba' għajnejn biex ma nħalluhx jigdimna. Fih is-sabiħ tiegħu però jista' jġib in-niket. Għalhekk nappellaw lid-dilettanti kollha tiegħu biex ikunu prudenti meta jkunu qed jilagħbu bih!!!!

Nagħlaq dan l-artiklu billi nsellem lid-dilettanti tan-nar ta' Malta kollha u speċjalment lil dawk Bastjaniżi. Din il-kitba qed tidher fil-programm ta' l-Għaqda ta' l-Armar mhux biex naqbżu r-rwol ta' programmi ta' Għaqdiet tan-Nar imma għax hija il-"policy" ta' l-Għaqda li fil-kitbiet tagħna nkunu varji u ninkludu dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festa. Nieħu l-okkażjoni li nsellem lill-mibki Twanny Seychell li ħalliena s-sena l-oħra u li għalih dan l-artiklu huwa ddedikat. (Ara paġna 29)